

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6207/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0023(BUD)

FIN 157
SOC 81

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6016/22 (COM(2022) 35 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Franza (EGF/2021/007 FR/Selecta)

1. Fis-7 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2022¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza l-ammont ta' EUR 4.07 miljun taħt il-FEG bi tweġiba għal applikazzjoni minn Franza biex il-Fond jintuża b'rabta ma' sensji fi ħdan l-impriża Selecta, sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-473 benefiċjarju fil-mira, skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/691². Is-sensji huma dovuti għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-bejgħ ta' distributori awtomatiċi.

¹ Dok. 5519/22.

² Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Frar 2022 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 6208/22.
-